MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 583/2004

**Carmel Vella**

**vs**

**Middle Sea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fit-28 ta' Ottubru, 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn dina l-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, u dana ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni tat-tip *"comprehensive"*, mahruga mis-socjeta' konvenuta fuq il-vettura tal-attur tal-marka Alfa Romeo 155 numru tar-registrazzjoni DAE 019, polza numru 36/04862 u dana in segwitu ghall-incident tat-traffiku li fiha kienet involuta l-

vettura msemmija li sehhet fit-18 ta’ Gunju, 2002 fir-Rabat, u li b’rizultat tal-incident spiccat *“total loss”.*

Bl-imghax mid-data tal-incident u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Middle Sea Insurance plc fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione valoris* stante li ai termini ta’ gurisprudenza recenti talba tal-valur ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) flimkien ma’ l-imghax legali relattivi hija ta’ kompetenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur irid jipprova l-ezistenza tal-polza ta’ assikurazzjoni minnu allegata;

3. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur jehtieglu jipprova c-cirkostanzi ta’ l-incident tat-traffiku minnu allegat;

4. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur jehtieglu jipprova d-dannu allegatament subit.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;
Rat in-nota ta’ l-attur tal-24 ta’ April 2008 fejn irriduca t-talba tieghu ghas-sorte fis-somma ta’ hamest elef lira u l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors.

Ikkunsidrat:

Illi b’din in-nota ta’ l-24 ta’ April 2008 l-attur gab fix-xejn l-eccezzjoni ta’ in kompetenza *ratione valoris* imressqa mis-socjeta’ konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha. Peress illi fl-avviz promotur l-attur kien qed jitlob l-imghax mid-data ta’ l-incident li sehh fit-18 ta’ Gunju 2002 fir-Rabat, allura s-socjeta’ konvenuta dehrilha illi kellha teccepixxi n-nuqqas ta’ kompetenza *ratione valoris*. Bin-nota fuq

imsemmija l-attur illimita l-pretenzjoni tieghu ghal hlas ta' l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors, f'liema kaz allura din il-Qorti hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u konsegwentement b'referenza ghall-istess gurisprudenza msemmija mis-socjeta' konvenuta, tichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza u tghaddi biex tikkunsidra l-meritu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija talba ghar-risarciment tal-valur ta' vettura illi giet distrutta kompletament wara incident tat-traffiku illi sehh fit-triq tar-Rabat fit-18 ta' Gunju 2002. F'dan l-incident tilfu hajjithom Herbert Vella iben l-attur u Patrick Cauchi kugin tieghu. Il-vettura Alfa Romeo 155 bin-numru DAE 019 giet meqruda kompletament u r-*wreck* taghha gie dikjarat bla valur. Peress illi l-vettura kienet assikurata b'polza tat-tip *'comprehensive'* l-attur li fuqu kienet assikurata l-vettura, ghamel *claim* mas-socjeta' konvenuta ghar-risarciment tal-valur tal-vettura, izda din it-talba giet michuda peress illi s-socjeta' konvenuta allegat illi kien hemm sewqan esagerat da parti tas-sewwieq u cioe' iben l-attur Herbert Vella, li l-vettura kienet modifikata biex tiehu *"nitrogen fuel",* kontra dak iddikjarat fil-*proposal form* (klawsola 9), li l-vettura kienet uzata ghat-tlielaq u kompetizzjonijiet, attivita' pprojbita fit-termini tal-polza, u fl-ahhar nett il-klawsola numru 19 rigward l-eligibilita' tas-sewwieq ma kienetx mimlija. (ara xhieda Dr Fiona Micallef fol 104). Minhabba dawn in-nuqqasijiet is-socjeta' konvenuta allegat illi kien hemm *bad faith* min nahha ta' l-attur fil-mili tal-*proposal form* u ghalhekk dan kien jintitolaha li tirrifjuta t-talba tieghu ghar-risarciment tad-danni skond l-istess polza. Min nahha tieghu l-attur Carmel Vella jinnega li ta xi nformazzjoni li ma kienetx korretta jew b'xi mod naqas li josserva xi kundizzjonijiet ta' l-istess polza.

Ikkunsidrat:

Rigward l-ewwel ilment tas-socjeta' konvenuta li kien hemm sewqan esagerat da parti tas-sewwieq Herbert Vella, jista' jinghad li din l-allegazzjoni giet pruvata peress

illi skond ir-rizultanzi tal-process verbal inghad car u tond illi *“dan l-incident gie kkagunat minhabba sewqan esagerat da parti tax-xufier li kien qed isuq l-Alfa Romeo msemmija fid-direzzjoni ta’ l-isptar Monte Carmeli lejn ir-Rabat.....”* Imkien ma rrizulta pero’ illi l-assikurat, l-attur Carmel Vella kien konsapevoli li l-karozza kienet qed tinsaq bi speed esagerat da parti ta’ ibnu jew inkella ta permess lill-ibnu li jsuq il-vettura b’tali mod.

It-tieni lment huwa illi l-vettura kienet modifikata biex tiehu n-*‘nitrogen fuel’* u ghalhekk dan mar kontra l-klawsola 9 fejn kellha tinghata nformazzjoni dwar tali modifiki. L-attur izda wiegeb illi l-vettura ma kienetx modifikata. Is-socjeta’ konvenuta qieghda taghmel din l-allegazzjoni fl-isfond tar-rapport tas-*surveyor* Omar Mifsud tas-6 ta’ Jannar 2005 (dokument FM3 fol 115) kif ukoll tar-rapport tossikologiku Dr Michael Sammut fejn sab li fid-demm kien hemm livell gholi ta’ ‘*Methaemoglobin’* (77%) li jindika li qabel il-mewt il-vittma kien espost *“to vapors of an oxidizing material containing organic nitrogen”* (fol 114). Dan il-livell kien probabbli bizzejjed biex jikkawza koma u possibilment il-mewt.

Is-surveyor Omar Mifsud illi ra l-vettura wara l-incident ikkonkluda illi l-karozza possibilment kienet munita jew modifikata biex tiehu l-*nitro fuel*, avolja ma sab l-ebda tracci ta’ dan it-tip ta’ fuel ghax inharaq kollox. Meta xehed quddiem il-Qorti (fol 132) Mifsud qal illi l-impatt kien wiehed qawwi hafna li kien jindika velocita’ qawwija. Fl-opinjoni tieghu l-magna kienet imbabsa pero’ ma setax ighid kif. *“Ma kienx hemm provi li l-magna kienet qed tiffunzjona fuq sistema tan-nitrous oxide.”* Din il-konkluzzjoni hija wkoll milhuqa mill-espert tekniku imqabbad mill-Magistrat Inkwirenti waqt l-inkjesta. Dan l-espert Joseph Zammit (fol 128) qal illi ma sabx cilindri ghal hazna tan-nitro pero’ sab komunikazzjoni fil-magna biex xi darba tintuza ghan-nitro jew inkella ntuzat bin-nitro qabel. *“Ghalhekk jiena nghid illi dak il-hin il-karozza ma kienetx qed tintuza bin-nitro.”*

Wara l-impatt il-karozza nhakmet minn hruq vjolenti, liema nar kien tant qawwi illi n-nies illi waslu fuq il-post u

ppruvaw johorgu lill-passiggier u lis-sewwieq mill-vettura ma rnexxielhomx jaghmlu hekk minhabba n-nar li kien qed jahkem dak il-hin, pero' kif inghad, fid-demm tas-sewwieq kien hemm livell gholi ta' '*Methaemoglobin'* li huwa rizultat *ta' 'intoxication'* ta' '*organic nitro'*.  Hu probabbli li dana avvera ruhu meta l-Pulizija, b'decizzjoni rresponsabbli ghall-ahhar, waqqfu bowser tad-drenagg u wzawh sabiex ippruvaw jitfu n-nar li kien qieghed jahkem il-karozza. Huwa ben saput illi d-drenagg fih l-*'organic nitrogen'* illi wahdu huwa bizzejjed biex jinduci koma u l-mewt. Bizzejjed tiftakar f'dik it-tragedja li kienet grat ftit snin ilu fil-*'manhole'* tac-Cirkewwa meta xi haddiema nizlu fil-*'manhole'* li kienet isservi ghal passagg tad-drenagg, gew mahkuma mid-dhahen ta' l-istess drenagg u mietu.

Ikkunsidrat:

Il-konsegwenza ta' dan l-uzu tad-drenagg hija ahjar deskritta minn Ray Xuereb (fol 125) illi kien l-ewwel fuq il-post wara l-incident fejn huwa nnota li kemm il-passiggier u d-driver kienu ghadhom hajjin pero' wara xi hin il-karozza bdiet taqbad fejn il-batterija, ghadda bowser tad-drenagg u l-Pulizija waqqfuh u wzawh biex jitfu n-nar. Skond l-istess Ray Xuereb il-karozza aktar qabdet u b'hekk seta' kien hemm fattur kontributorju b'din id-decizzjoni tal-Pulizija li juzaw id-drenagg bhala *'fire-extinguisher'.*

Ghalhekk fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ma rrizulta l-ebda prova mqar fi grad ta' probabilita' illi dak il-hin ta' l-incident il-karozza kienet modifikata biex tiehu xi fuel oltre dak li huwa normalment mixtri mill-pompi  disponibbli ghall-pubbliku. Il-Qorti tikkonkludi li t-twegiba ta' l-attur fil-*proposal form* li l-vettura ma kellhiex magna modifikata, kienet dikjarazzjoni korretta u ma kellux ikun pregudikat b'tali dikjarazzjoni.
Ikkunsidrat:

Is-socjeta' konvenuta wkoll ghamlet referenza ghall-klawsola 15 fejn inghad li vettura ma kellhiex tintuza ghat-tlielaq u kompetizzjonijiet. Hawn ukoll ma rrizultawx provi li l-vettura kienet qed tintuza ghal dan il-ghan.  Veru illi

Herbert Vella kien dilettant tal-karozzi u gieli attenda xi wirjiet Hal Far jew inkella postijiet ohra izda mkien ma rrizulta li uza l-vettura partikolari ghal xi tlielaq jew kompetizzjonijiet.

Is-socjeta' konvenuta rreferiet ghall-klawsola numru 19. F'din il-klawsola filwaqt li gie dikjarat mill-attur illi l-karozza kienet ser tinstaq minn persuni 'l fuq minn 21 sena, meta gie mitlub nformazzjoni dwar kull persuna li kellha tuza dik il-karozza l-attur halla l-kaxxa vojta u ma wiegeb xejn. Dana jidher li huwa nuqqas da parti tieghu. Il-Qorti pero' tifhem li meta persuna tmur biex timla l-*proposal form* ghand kumpanija assikurattrici, l-iskrivan li jkun qieghed ighinu jimla din il-formola ghandu jigbed l-attenzjoni tal-proposer illi certa klawsoli jkunu ghadhom mhux mimlija. Mhuwiex mistenni illi kull persuna li tmur tapplika ghall-assikurazzjoni tkun taf ezatt x'ghandha bzonn il-kumpanija assikurattrici u ghal liema twegibiet u paragrafi ghandu jwiegeb. Jekk ihalli xi haga barra spetta ghall-assikurazzjoni li tigbed l-attenzjoni tal-proposer bin-nuqqas halli dan jirratifika u jaghti l-informazzjoni li tkun talbet l-assikurazzjoni. Jekk ma jsir xejn u l-*proposal form* tigi accettata mill-kumpanija assikurattrici kif inhi, allura f'dan il-kaz certa oneru ta' responsabbilta' ghandha terfa' l-istess assikurazzjoni. Filwaqt illi huwa minnu illi l-proposer ghandu juza dak li komunament maghruf bhala *"uberrime fide" –utmost good faith,* minn naha l-ohra l-kumpanija assikurattrici m'ghandhiex tibbenefika minn nuqqas ta' mportanza sekondarja u ghandha tigbed l-attenzjoni tal-proposer illi certa klawsoli baqghu mhux imwiegba. Jekk imbaghad taccetta l-formola kif inhi, l-kumpanija assikurattrici ma tistax tippretendi illi ma tonorax l-obbligazzjonijiet taghha fl-istess polza kawza ta' nuqqas illi jista' jkun dovut ghal xi traskuragni taghha. L-assikurat mhuwiex qieghed hemm biex jinqabad fuq sieq wahda, fuq l-icken skuza u l-assikurazzjoni wkoll ghandha tuza rieda tajba fir-relazzjoni taghha mal-assikurat. Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti ma jidhirliex illi billi l-attur ma meliex parti minn din id-domanda dwar il-partikolari ta' min kien ser isuq dik il-karozza, l-assikurazzjoni ghandha dritt tannulla l-kuntratt kollu u tahrab mill-obbligazzjoni kuntrattwali taghha u ma tonorax is-sustanza tal-kuntratt.

Fl-ahhar is-socjeta’ konvenuta allegat illi meta talbet informazzjoni minghand l-attur dwar incidenti precedenti, l-attur wiegeb li ma kellux. Hawnhekk is-socjeta’ konvenuta gabet prova illi saret claim ma’ Gasanmamo wara ncident fis-6 ta’ Marzu 1999 li kienet involuta vettura assikurata fuq l-attur. Paul Sciberras rapprezentant ta’ Gasanmamo (fol 166) xehed illi l-vettura bin-numru IAN 535 kienet assikurata fuq l-attur Carmel Vella u wara incident fis-6 ta’ Marzu, 1999 saret claim li gie sodisfatt. Irrizulta pero’ illi f’dak l-incident kien qed isuq Herbert Vella, iben l-attur u meta pprova itella’ xi haga fuq il-*computer* bl-*id number* 125852, li huwa dak ta’ l-attur ma rrizulta xejn. Fuq dan l-attur ighid in kontro-ezami (fol 120) illi meta mela l-*proposal form* ma kienx jaf b’dan l-incident. Fil-fatt it-tfal tieghu hbewulu. Irrizulta illi dan kien incident zghir ta’ ftit konsegwenza u ghalhekk kien facli ghal uliedu illi jahbu tali incident minnu. Il-Qorti lesta tikkoncedi l-beneficcju tad-dubbju illi f’dawn ic-cirkostanzi jista’ jkun illi l-attur qed ighid il-veru u ma kienx jaf b’dan l-incident. Huwa fatt komuni li l-genituri jinkwetaw mhux ftit meta jigri xi haga lill-uliedhom u mhux l-ewwel darba li l-ulied jahbu incidenti ta’ ftit importanza proprju biex ma jinkwetawx il-genituri. Fi kwalunkwe kaz, kien it-tifel li kien qed isuq il-karozza u mhux l-attur u ghalhekk meta gie mistoqsi jekk hu, cioe’ l-attur, kellux xi incidenti fit-tlett snin ta’ qabel id-data tal-*proposal form,* bir-ragun wiegeb li ma kellux, anke jekk ghal grazzja ta’ l-argument kien jaf b’dak l-incident ta’ ibnu, l-attur personalment ma kien involut fl-ebda incident u seta’ liberament jiddikjara li f’dawk is-snin mitluba mis-socjeta’ konvenuta ma kellux incident.

Din ic-cirkostanza hija kwazi identika ma’ dik ta’ kawza ohra deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-15 ta’ Frar 2006 fl-ismijiet *Francis Chetcuti vs Citadel Insurance* plc fejn fuq talba tal-kumpanija assikurattrici jekk l-assikurat ghamilx xi *claim* fit-tlett snin ta’ qabel u l-assikurat wiegeb li le, irrizulta li t-tifel tieghu kien ghamel talba u gie risarcit minn kumpanija assikurattrici, l-Qorti ma deherilhiex li tali cirkostanza kienet ser taffettwa d-dikjarazzjoni ta’ l-assikurat illi ma kellux incidenti jew li ghamel *claims* ma’ xi kumpanija assikurattrici fis-snin ta’ qabel. Fil-fatt il-Qorti

ta' l-Appell qalet illi l-principju tal-*"utmost good faith"* f'kuntratti ta' l-assikurazzjoni ma kellux jigi nterpretat b'tali mod illi jpoggi l-assikurat fi zvantagg b'mod li jiffacilita' l-kumpanija assikurattrici li tevita li thallas talba maghmula taht il-polza. Dana huwa proprju dak illi qed tipprova taghmel illum is-socjeta' konvenuta billi ssib kull skuza, anke mhux attribwibbli direttament lill-assikurat, sabiex tevita l-obbligazzjonijiet taghha.

Ghalhekk in succint il-Qorti tiddeciedi illi mill-provi prodotti ma rrizultawx fuq bazi ta' probabilita' dettata mir-raguni li:
(1) il-vettura kienet modifikata biex tiehu *'nitrogen fuel'*,
(2) li kienet uzata ghat-tlielaq jew kompetizzjonijiet,
(3) l-assikurat ghamel dikjarazzjoni falza meta wiegeb li ma ghamel l-ebda claim fis-snin ta' qabel u li fl-ahhar li l-assikurat kien qed juza l-vettura b'mod negligenti u traskurat b'tali mod li jaffettwa l-kundizzjonijiet tal-polza.

Jekk kien hemm ibnu Herbert li possibilment kien qed jaghmel dan ta' l-ahhar, ma rrizultax illi l-attur kien konsapevoli ta' dak l-uzu jew inkella ta l-permess tieghu ghalih.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex ragun illi f'dan l-istadju u f'dawn ic-cirkostanzi topponi t-talba ta' l-attur ghar-risarciment tad-danni kawza ta' l-incident tat-18 ta' Gunju 2002 li fih il-karozza minnha assikurata giet dikjarata *'total loss'.*

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-valur il-Qorti tirrileva illi originarjament il-vettura kienet assikurata ghas-somma ta' sitt elef lira, izda f'dik is-sena ta' l-incident giet riveduta ghas-somma ghal hamest elef lira biex tirrifletti l-veru valur taghha fuq is-suq.

Omar Mifsud a fol 136 qal li l-*'pre-accident value'* tal-vettura kien ta' tlett elef lira, mentri l-process verbal a fol 112 iddikjara l-*'pre-accident value'* fl-ammont ta' erbat elef

lira. L-attur ighid illi l-karozza xtrahha erbat elef erba’ mija u hamsin lira. Hawnhekk il-Qorti jidhrilha illi minkejja illi l-valur tal-vettura kien rivedut fil-polza ghal dik is-sena ta’ l-incident is-socjeta’ konvenuta hija ntitolata li tvarja  l-valur taghha biex tirrifletti ahjar il-valur fis-suq.

Fil-kawza <u>Joseph Busuttil vs Alcare Insurance et</u> deciza mill-Qorti tal-Prim Awla fl-20 ta’ Ottubru 2005 il-Qorti qalet li kumpanija ta’ assikurazzjoni mhijiex obbligata li thallas l-ammont totali tas-somma assikurata avolja tkun hallset il-*premium* shiha fuq is-somma assikurata.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-valur medju gust f’dawn ic-cirkustanzi huwa dak li gie dikjarat mill-Magistrat Inkwirenti fil-*process verbal* tieghu u cioe’ l-ammont ta’ erbat elef lira. Huwa dan l-ammont li ghandu jigi aggudikat favur l-attur.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallsu l-ammont ta’ €9317.49 (Lm4,000) ai termini ta’ polza ta’ assikurazzjoni tat-tip *“comprehensive”,* mahruga mis-socjeta’  konvenuta fuq il-vettura ta’ l-attur tal-marka Alfa Romeo 155 numru tar-registrazzjoni DAE 019,  polza numru 36/04862 u dana in segwitu ghall-incident tat-traffiku li fiha kienet involuta l-vettura msemmija li sehhet fit-18 ta’ Gunju, 2002 fir-Rabat, u li b’rizultat tal-incident spiccat *“total loss”.*

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------